MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 233/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Peter Paul Cuschieri**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Peter Paul Cuschier talli:

(1) fil-15 ta' Jannar 2011 ghall-habta tal-16.00 hrs waqt li kien fl-inhawi tal- Mghatab, kellu arma tan-nar li kellha kompartiment tal-iskratac li jista' jzomm aktar minn zewgt iskratac fl-istess hin, u dan bi ksur tar-Reg 18(2)(b) L.S. 504.71;

(2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar minghajr ma kellu licenzja mahruga

f'ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija biex igorr arma tan-nar, u dan bi ksur tar-Reg 5(1) tal-Kap. 480;

(3) bhala pussessur ta' licenzja taht l-artikolu 27(1) tal-Kap 480 naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Mejju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat ir- Regolament 18(2)(b) ta' l-Avviz Legali 79 tal-2006, LS 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Peter Paul Cuschieri hati ta' l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet u kkundannatu multa ta' mitejn u erbghin euro (€240) u ordnat l-konfiska ta' l-arma izda ma sabitux hati tat-tieni (2) imputazzjoni u minnha lliberatu;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Peter Paul Cuschieri pprezentat fit-23 ta' Mejju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma fejn gie lliberat u fejn instabet htija wkoll u minflok tapplika piena anqas harxa;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Qabel xejn din il-Qorti tinnota illi, filwaqt illi l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet, hija rreferiet biss fis-sentenza taghha ghar-regolament 18(2)(b) ta' l-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, u dan b'referenza ghall-ewwel imputazzjoni. Issa, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."**

In-nuqqas ta' l-ewwel Qorti li tindika l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat fit-tielet imputazzjoni ghalhekk jimpingi fuq il-validita` tas-sentenza appellata, u din il-kwistjoni

tista’ titqajjem, kif qieghda titqajjem, minn din il-Qorti *ex officio*.

**6.** F’dawn ic-cirkostanzi s-sentenza appellata tirrizulta difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-artikolu 382 ghall-validita` ta’ sentenza. Dan ghalhekk irendi s-sentenza appellata nulla. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tiddikjara *ex officio* s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti nulla u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellant, mill-beneficcju tad-doppju ezami, sejra tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tiddeciedi l-kawza mill-gdid skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata, tqieghed lill-appellant fil-pozizzjoni li kien immedjatament qabel ma giet pronunzjata l-istess sentenza appellata u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tiddeciedi l-kaz mill-gdid skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------